# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tas-Sbatax il-laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm)*

## ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit attenda għal-laqgħa fis-7.05pm

## ***1. Talba.***

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## ***2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sittax-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 3 ta' Awwissu 2016.***

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## ***3. Komunikazzjoni mis-Sindku***

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrimarka li ma kienx hemm komunikazzjoni xi jsiru.

## ***4. Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill- 4 ta' Awwissu 2016 sat-28 ta' Settembru 2016.***

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Primary Health Care Unit dwar taħdidiet fuq il-ħarsien tas-saħħa. Il-Kunsill qabel li jirrispondi li huwa interessat li dawn it-taħdidiet jinżammu fil-bini tal-Kunsill.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mis-sezzjoni tat-traffiku tal-Pulizija dwar għajnuna li jistgħu jagħtu biex titjib is-sitwazzjoni tat-traffiku. Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi semma li f'din il-laqgħa l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni dwar il-problema li hemm fejn residenti li joqgħodu fit-triq tal-iskejjel ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar fil-ħinijiet ta' ħruġ u dħul tal-istudenti fl-iskejjel minħabba li t-triq tkun magħluqa mill-Pulizija bħala sigurta'. Fuq dan il-punt, il-Kunsill qabel li għandu jsejjaħ laqgħa ta' koordinazzjoni mal-Pulizija u l-iskejjel.

4.4 Dwar korrispondenza, mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward LCA Circular 44/2016 - Twinning Request from municipalities of Cimini and Tuscia area in Italy, il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer saqsa dwar il-possibilta' li l-Kunsill jagħmel ġemellaġġ ma' belt oħra. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju mhux se jidħol f'ġemellaġġi oħrajn, anke peress li s-sejħa biex jinkisbu fondi għal għan ta' ġemellaġġ tinsab magħluqa.

## *5. Schedule of Payments 9/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## *6. Purchase Order 4271 - 4286*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4271 sa 4286 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 3245 - 3260*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3245 sa 3260 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. ***Inawgurazzjoni tal-Monument ta' Triq Balbi***

8.1 Is-Sindku Francis Debono spjega li wara li inkisbu l-permessi kollha relatati u wara li tlesta l-monument li kellu jikkommemora ċ-ċentinarju tal-konsgrazzjoni tal-Knisja, qed jipproponi li dan il-monument jiġi inawgurat fil-21 ta' Ottubru li jaħbat l-anniversarju tal-għeluq tal-mewt tal-mara ta' Balbi.

8.2 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi issuġġerixxa li dan il-monument jkun qed jikkommemora il-ħidma franġiskana fil-Marsa kif kien ippropona oriġinarjament is-Sindku stess. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.3 Il-Kunsill qabel unanimament li l-inawgurazzjoni ssir mill-Provinċjal fil-21 ta' Ottubru 2016 fis-7.30pm fl-okkażjoni tal-Ħidma Franġiskana fil-Marsa.

## 9. ***Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulzija***

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill Lokali jistieden għal-laqgħa lill-Kummissarju tal-Pulizija, dan wara li fil-ġimgħat li għaddew laħaq Kummissarju ġdid, is-Sur Lawrence Cutajar li huwa wkoll mill-Marsa.

9.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li din il-laqgħa għandha tiġi organizzata fil-bini tal-Kunsill u ssir wara li jkun beda l-ħidma tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv l-ġdid.

9.3 Il-Kunsill qabel unanimament sabiex wara din il-laqgħa mal-Kummissarju, jsiru laqgħat oħrajn mal-għaqdiet u l-komunita' bl-involviment tal-Kunsill.

## 10. ***Laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali***

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill Lokali jistieden għal-laqgħa lid-Direttur tal-Gvern Lokali, dan wara li fil-ġimgħat li għaddew laħaq Direttur ġdid, is-Sur Adrian Mifsud.

10.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li din il-laqgħa għandha tiġi organizzata fil-bini tal-Kunsill u ssir wara li jkun beda l-ħidma tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv l-ġdid.

## 11. ***Bdil ta' Bankini fin-nizla tal-Maltapost u fuq il-pont ta' Triq il-Marsa***

11.1 Is-Sindku Francis Debono ippreżenta ritratti tal-istat tal-bankini fin-niżla tal-Maltapost u tal-parti fi Triq il-Marsa 'l isfel minn pont (ħdejn Galea Confectionary).

11.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona sabiex dawn il-bankini jsiru mill-ġdid minħabba l-istat prekarju tagħhom. Il-Kunsill qabel unanimament biex isir dan ix-xogħol.

## 12. ***Żjara mill-membri ta' Bridgwater***

12.1 Is-Sindku Francis Debono stieden lill-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer sabiex iressaq abbozz tal-programm tal-attivitajiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

12.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer spjega li l-attivitajiet se jsiru biex ifakkru l-10 anniversarju tal-ġemellaġġ li sar bejn il-Marsa u Bridgwater. Huwa kompla li l-attivitajiet se jinżammu bejn it-28 u 30 ta' Ottubru fejn fil-ġurnata tal-Ġimgħa 28 ta' Ottubru se ssir ċerimonja fil-bini tal-Kunsill. Huwa ressaq kwotazzjoni minn Jacksons Pipeband ta' Eur 250 ta' ħames bandisti li jdoqqu strumenti tradizzjonali Maltin. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni. Se jkun hemm kxif ta' plakka li tfakkar din l-okkażjoni u jittellgħu l-bnadar taż-żewġ lokalitajiet mis-Sindki rispettivi.

Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer kompla li s-Sibt filgħodu se jsir sightseeing tour madwar Malta u tour madwar il-Marsa.

12.3 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li jkun hemm wirja ta' xogħlijiet mit-tfal tal-iskola dwar charts li jagħmlu rigward il-lokaltia ta' Bridgwater u dan biex jitqajjem aktar għarfien dwar dan il-ġemellaġġ. Il-Kunsill approva unanimament.

12.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa wkoll li tiġi mħawwla pjanta Ingliża fi ġnien fil-Marsa. Il-Kunsill approva unanimament.

12.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ippropona li ssir ikla li għaliha jattendu d-delegazzjoni minn Bridgwater kif ukoll il-Membri tal-Kunsill Lokali Marsa. Il-Kunsill approva unanimament fejn is-Sindku ġibed l-attenzjoni sabiex tiġi segwita l-memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

12.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ippropona wkoll biex tintbagħat ċirkolari lill-għaqdiet lokali biex min ikun irid laqgħat bilaterali mad-delegazzjoni minn Bridgwater jikkuntattja lill-Kunsill ħalli jiffissa appuntamenti ta' laqgħat magħhom fil-ġurnata tal-Ħadd filgħodu. Il-Kunsill approva.

12.6 F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit.

## 13. ***Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv***

13.1 Is-Sindku Francis Debono informa lill-Kunsill li l-ħatra tas-Sur Edward Audibert Spiteri bħala Segretarju Eżekuttiv ġiet approvata mill-Ministru u hekk kif jiġi rilaxxat mill-post tax-xogħol tiegħu għandu jibda l-funzjonijiet tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv fl-1 ta' Novembru 2016.

13.2 Għaldaqstant, bil-ħatra tas-Sur Edward Audibert Spiteri bħala Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill għadda resoluzzjoni sabiex is-Sur Spiteri flimkien mas-Sindku s-Sur Francis Debono ikunu l-firmatarji tal-kontijiet bankarji kif titlob il-liġi. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu. Il-Kunsill għandu jinforma lill-bank dwar dan it-tibdil b'effett mill-1 ta' Novembru 2016.

13.3 Intant, peress li bil-liġi l-Kunsill Lokali irid ikollu Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex jiġi maħtur is-Sur Kenneth Brincat bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Marsa għal tlett xhur. Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Installazzjoni ta' Cameras fl-akkwati fejn jintefa' l-iskart*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq quddiem il-Kunsill il-possibilita' li l-Kunsill Lokali jinstalla cameras sabiex jissorvelja postijiet fejn ta' sikwit qed jisfwaw vittma ta' abbużi ta' tifi ta' skart.

14.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla billi rrakkomanda li qabel ma jitwaħħlu dawn il-kameras, il-Kunsill għandu jagħmel kampanja edukattiva fejn jibgħat ittri lir-residenti u jinfurmahom bl-azzjonijiet li l-Kunsill se jkun qed jieħu u dan sabiex ikunu infurmati minn qabel dwar din l-inizjattiva tal-Kunsill.

14.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq proposta mibgħuta minn PTL dwar sistema ta' cameras li taħdem anke bis-solar panels u li tkun tista' taċċessaha minn kullimkien. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku għandhom jiltaqgħu ma' din l-kumpanija sabiex jara kif taħdem din is-sistema.

## *15. Ringrazzjament lill-qaddiefa tar-rebħ tar-Regatta*

15.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li wara li fir-Regatta ta' Jum il-Vitorja, il-Marsa rebħu din ir-Regatta għar-raba sena infila, iħoss li l-Kunsilll għandu jirrikonoxxi dan is-suċċess billi jagħti rikonoxximent lil Kumitat u lill-qaddiefa.

15.2 Il-Kunsill qabel unanimament sabiex dan ir-rikonoxximent jiġi ppreżentat fiċ-ċerimonja tal-għaxar anniversarju tal-ġemellagg ma' Bridgwater.

15.3 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit issuġġerixxa biex jingħata rikonoxximent simili lis-Sur Norbert Attard, li huwa Marsi li għadu kif rebaħ midalja tal-bronż u huwa l-ewwel Malti li rebaħ Midalja fil-WDF Europe Cup. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jippreżenta dan ir-rikonoxximent lis-Sur Attard wkoll.

## *16. Ġbir ta' Ħwejjeġ*

16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono issuġerixxa biex flimkien mal-Green Pak tiġi organizzata ġurnata li fiha jsir ġbir ta' ħwejjeġ sabiex jiġu ri-użati jew riċiklati skont il-każ.

16.2 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar il-possibilta' li jkun hemm bank tal-ħwejjeġ kif tpoġġew f'lokalitajiet oħrajn riċentament. Il-Kunsill qabel li għandu javviċina l-kumpanija li tipprovdi dan is-servizz biex tara jekk hiex interessata li tipprovdi bank tal-ħwejjeġ fil-lokalita tal-Marsa. F'każ li din il-kumpanija ma taċċettax il-Kunsill jmexxi bil-ġabra ta' ħwejjeġ flimkien mal-Green Pak.

## 17. *Stima għal Tisbiħ f'Moll il-braken*

17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrefera għal-laqgħa li l-Kunsill kien kellu mal-Kumitat tal-Marsa Regatta Club fejn dawn kienu talbu li jissebbaħ Moll il-braken. Il-Kunsill kien iddeċieda li jġib stima sabiex isir dan it-tisbiħ.

17.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq l-istima tal-perit fejn dan ix-xogħol ta' tisbiħ li jinkludi xoghol bil-concrete imprint titla' għal aktar minn Eur99,000. Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li din is-somma hija wisq għall-finanzi tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant issuġġerixxa sabiex titressaq talba lill-Kumitat tar-Riġenerazzjoni tal-Port kif ukoll lill-Kumitat tan-Nofsinhar ta' Malta. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn it-talbiet lil dawn iż-żewġ entitajiet governattivi.

## 18. *Tweġibiet għall-Mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

18.1 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer irrifera għar-rixtellu li hemm fi Triq Diċembru 13, kif tinżel minn Triq il-Pitkali, peress li jinsab miftuħ u qed ikun hemm l-abbużi. Il-Kunsill qabel li jagħmel rapport lil Transport Malta biex tagħlqu u lill-Pulizija biex tissorvelja ż-żona.

18.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer irrefera għal Pink October dwar jekk il-Kunsill hux se jixgħel il-faċċata bħala parti mill-kampanja favur l-għarfien tal-kanċer tas-sider. Il-Kunsill qabel unanimament biex fix-xahar ta' Ottubru jixgħel il-faċċata tal-bini tal-Kunsill bil-kulur roża.

## 19. *Aġġornament tal-Laqgħa*

19.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2016 fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u ħamsa u għoxrin minuta ta' filgħaxija (8.25pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

19 ta' Ottubru 2016